MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 545/2011

**Joseph Camilleri Bowman ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta KPMG**

**vs**

**Carmelo Meli f'ismu proprio u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Salvu Meli & Sons Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tat-8 ta' Gunju 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-konvenut proprio et nomine ghandu jhallas lid-ditta attrici s-somma ta' disgha u tletin elf u mitt Euro (€39,100) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn import ta' skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu hawn annessa bhala Dok. A;

2. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellat, anke ufficjalment, il-konvenut proprio et nomine baqa' inadempjenti;

3. Illi fil-fehma tal-attur nomine rikorrenti il-konvenut proprio et nomine m'ghandux eccezzjoni valida x'jaghti kontra din l-azzjoni u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tal-attur nomine jigu decizi bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

Ghaldaqstant l-attur nomine rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti

1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lil Carmelo Meli f'ismu proprio u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Salvu Meli & Sons Limited ihallas lill-attur nomine rikorrenti s-somma minnu dovuta ta' disgha u tletin elf u mitt Euro (€39,100) liema somma tirraprezenta bilanc mhux imhallas minn import ta' skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu hawn annessa bhala Dok. A;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru datat 5 ta' Mejju 2011 u bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Mejju 2011 'l quddiem kontra l-konvenut proprio et nomine li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat in-nota tal-konvenut proprio et nomine li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat;

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti senjatament l-ammissjoni tat-talba attrici da parti tal- konvenut proprio et nomine, qed tilqa' t-talba attrici kif dedotta (kontra intimati proprio et nomine) li tikkundanna lil intimati proprio et nomine jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u tletin elf u

mitt Euro (€39,100), bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------